# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Novembru 2021**

**Talba Nru: 263/2018 JG**
**Numru fuq il-lista: 6**

**Alexander Cuschieri (ID 411954(M))**

**Vs**

**Charles McKay (ID 0118849(M)) u Carmelo Chetcuti (ID 0600259(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2018, permezz ta' liema, l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti iħallsu *in solidum* bejniethom l-ammont ta' €1,000 rappreżentanti ammont rimanenti minn self *brevi manu*. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri u l-imgħax[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż[2];

Ra li r-risposta tal-konvenuti[3] permezz ta' liema huwa laqgħu għal din it-Talba billi eċċepew li s-self huwa milqut bl-użura u riżultat ta' *causa* illeċita, li l-iskrittura hija nvalida, li l-ammont ġie imħallas u li l-imgħax m'huwiex dovut.

Ra n-nota ġuramentata kontenenti rendikont, ppreżentata mill-konvenuti wara direzzjoni ta' dan it-Tribunal kif preċedentement presedut[4];

Ra l-affidavit tal-attur, flimkien mad-dokumenti eżebiti[5];

Ra l-affidavits tal-konvenuti, u d-dokumenti eżebiti mal-istess[6];

Ra l-affidavit ta' Anthony Grech[7];

Ra x-xhieda in kontro-eżami tal-konvenuti magħmula fis-seduta tal-21 ta' Frar 2020[8];

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2020, tramite liema, l-Prim Imħallef ordna li din it-talba tiġi hekk assenjata lil dan it-Tribunal kif issa presedut[9].

---

[2] Anness bħala Dok A, erronjament immarkat a fol 2 tal-proċess.
[3] A fol 7 *et seq* tal-proċess.
[4] Nota tinsab a fol 12 tal-proċess.
[5] Nota relattiva tinsab a fol 18 tal-proċess.
[6] Nota bl-affidavit tal-konvenut Chetcuti tinsab a fol 32. Nota bl-affidavit tal-konvenut Charles McKay tinsab a fol 36.
[7] Nota tinsab a fol 48 tal-proċess. Strettament, din in-nota jidher li ġiet preżentata għan-nom ta' Anthony Grech meta l-istess ma huwiex parti f'dawn il-proċeduri. It-Tribunal iqis li din fil-verità ġiet preżentata mill-konvenuti filwaqt li huwa l-affidavit biss li huwa ta' Anthony Grech.
[8] Xhieda tal-konvenut Chetcuti tibda a fol 52. Xhieda tal-konvenut McKay tibda a tergo ta' fol 58.
[9] A fol 69 tal-proċess.

Sema' x-xhieda in kontro-eżami ta' Anthony Grech[10];

Sema' x-xhieda in kontro-eżami tal-attur[11];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attur[12];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-konvenuti[13];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, x-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anke għaliex x-xhieda ma ġietx mismugħa minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi l-attur xehed permezz t'affidavit[14]. Jgħid li ilu jaf lil konvenut McKay għal diversi snin. Il-konvenuti kienu avviċinawħ fis-sena 2013 sabiex jissellfu xi ammont. Hu kien ftiehem magħhom fuq ammont ta' €3,500. Hekk sar, u dak iż-żmien ma kienx ġie miftiehm żmien għar-radd lura. Wara xi żmien, ra li l-konvenut ma kienux qegħdin iħallsu u għalhekk tkellem mal-konvenut McKay.

[10] Seduta tas-17 ta' Ġunju 2021.
[11] *Ibid* nota nru. 10.
[12] Din tibda a fol 90 tal-proċess.
[13] Din tibda a fol 98 tal-proċess.
[14] Dan jibda a fol 19 tal-proċess.

Dan taħ ċekk ta' €1,500 iżda ma ssarrafx. Minħabba f'dan l-episodju ġie miftiehem lill-kontendenti jmorru għandu avukat sabiex jirrediġu skrittura. Hekk sar, u fil-fatt marru għand l-avukat tal-konvenut McKay, Dr. Chris Cilia, u saret l-iskrittura. L-ammont kien ta' €3860, u kellu jitħallas lura bir-rata ta' €60 fil-ġimgħa. L-ammont beda jitħallas b'€50 fil-ġimgħa għal xi xhur iżda imbagħad waqfu jkunu regolari. F'xi żmien, meta kien għad fadal bilanċ ta' €1,800, il-pagamenti waqfu u għalhekk huwa mar għand avukat. F'dan il-ħin il-konvenut McKay infurmaħ li kien fallut u li seta jħallas biss €50 fix-xahar. Fil-fatt, tħallas madwar €800 oħra u l-pagamenti reġgħu waqfu. Reġgħu intbagħtu ittri legali, iżda l-ħlas ma sarx. Għalhekk saret din il-kawża.

Illi l-attur ġie mressaq ukoll in kontro-eżami fl-aħħar ta' dawn il-proċeduri[15]. Jgħid li l-ewwel darba li sellef il-flus lill-konvenuti kien fis-sena 2013. Jgħid li l-ammont kien ta' €3,500. Jgħid li l-ammont kellu jinqatá ftit wara sena, u li kien jinkludi ftit imgħax. Jgħid li kien iżomm rendikont tal-ammonti li tħallsu, u kien jinkludi wkoll ix-xhur fejn ma ħallsux. Qatt ma ntalab kopja tal-pagamenti. Il-flus kienu jitħallsu jew lilu direttament, jew għand terzi, parrukkier u għand tal-*grocer*. Mistoqsi direttament mit-Tribunal, jikkonferma li l-ammont rimanenti ma jinkludix imgħax. Ma jaqbilx li kien hemm użura.

Illi mistoqsi in ri-eżami fl-istess seduta jerġa jikkonferma li kien il-konvenut McKay li qallu sabiex imorru għand l-avukat Dr. Chris Cilia. L-informazzjoni dwar dak miktub fl-iskrittura ingħatat fil-presenza tal-partijiet kollha.

Illi l-konvenut Chetcuti xehed permezz t'affidavit[16]. Huwa jgħid li fis-sena 2013 kellu bżonn disa' mitt Ewro sabiex jixtri xi merkanzija. Kien tkellem mal-konvenut McKay u dan qallu li anke hu kien fl-istess sitwazzjoni. Peress li

[15] Xhieda relattiva tibda *a tergo* ta' fol 85 tal-proċess.
[16] Affidavit jinsab a fol 33 tal-proċess.

McKay kien issellef minn għand l-attur, dan mar għandu. Jgħid li l-attur kien lest jagħti l-flus iżda li ridt ammont ferm akbar għax skond hu dan kien self bl-użura. Jgħid li għal bidu l-attur ried €4000 iżda dan kien wisq u għalhekk qablu fuq id-doppju tal-ammont misluf. F'daqqa waħda, skond hu, l-attur beda dejjem jitlob aktar imgħax. McKay talab li ssir skrittura privata. Peress li dan kien self bl-użura, jgħid hu, l-attur ried li l-ammont ikun ta' 100% u ma jissemmiex imgħax. Għalhekk jgħid li l-ammont misluf kien €1,800 u li dawn ġew rdoppjati. Żdiedu €60 biex ma l-ammont ma jkunx suspettuża. Jgħid li kien sorpriż iżda skond hu, l-attur hekk kien jagħmel biex idur mas-sistema. Jgħid li dejjem ħallas b'mod regolari l-ammont dovut. Jgħid li ġieli mar hu u ġieli għadda l-flus lil McKay. Jgħid li mal-pagament kienet issir telefonata lill-attur biex jikkonferma li l-flus waslu. Jgħid li rċevuti, għalkemm mitluba, qatt ma waslu. Meta ma kienux immorru fil-ħin, l-attur kien iċċemplilhom. Meta, skond huma ħallsu l-aħħar ammont, għamluha ċara li dan kien l-aħħar pagament, iżda wara dan huma rċevew ittri legali mil-konvenut għal ammont ieħor. Ma jaqbilx mal-figuri li jgħid l-attur. Jgħid li hemm taħwid fl-ammonti, u huma ħallsu kollox.

Illi l-konvenut Chetcuti xehed ukoll in kontro eżami fis-seduta tal-21 ta' Frar 2020[17]. Jgħid li hu kien issellef l-ammont ta' elf Ewro. Ma jafx kemm issellef il-konvenut l-ieħor McKay. Hu aċċetta li jħallas id-doppju għax l-attur kien qdieħ. Imbagħad jgħid li hu issellef €900 u McKay fuq l-elf. Jgħid li l-iskrittura għand l-avukat Chris Cilia saret għaliex l-attur hekk ried. L-ewwel jgħid li l-attur qabbad lill-avukat, imbagħad jikkonferma li huma qabduh. Jgħid li ffirma għal dak l-ammont għax hemm inkluż l-ammont tal-konvenut l-ieħor. Imbagħad jgħid li l-ammont kien ta' €1900. Jgħid li kienu iħallsu sittin Ewro fil-ġimgħa. Jgħid li l-ammont mitlub diġà tħallas. Jgħid li dejjem mar l-konvenut McKay iħallas. Ġieli kien preżenti wkoll waqt li tħallas l-ammont. Hu jafdaħ lill-konvenut McKay.

[17] Xhieda relattiva tibda a fol 52 tal-proċess.

Jgħid li ma ħallsux wara l-ewwel ittra legali għalkemm it-tieni ammont naqas bi tmien mija. Jgħid li huwa qatt ma rrisponda. Jgħid ukoll li ma ppreżenta l-ebda kawża sabiex jirrexxindi l-iskrittura. Jgħid li m'għandu l-ebda prova tal-pagamenti.

Illi l-konvenut xehed McKay xehed ukoll permezz t'affidavit[18]. Jgħid li hu kien issellef minn għand l-attur qabel din l-okkażjoni. Jgħid li fis-sena 2013 sab ruħu f'diffikultà finanzjarja minħabba xi kont tad-dawl u ilma u għalhekk avviċina lill-attur. B'kollox ried elf ewro. Jgħid li hu kien li laqqa' lil Chetcuti mal-attur. B'kollox issellfu €1900. Hu talabhom €4000 lura, iżda peress li skond huma dan kien ammont kbir wisq, ftehmu fuq €3800. Peress li ra li l-attur kien qiegħed iħawwad fil-kalkoli kien hu stess li ssuġġerixxa li jmorru għand avukat. Hekk għamlu iżda peress li l-ammont li ried l-attur kien jinkorpora fiħ 100% imgħax, allura l-ammont ġie ta' €3,800. Is-€60 saru biex l-ammont ma jkunx suspettuża. Jgħid li mhux l-ewwel darba li l-attur ssellef bl-użura. Jgħid li kien iħallas personalment, flimkien mal-konvenut jew ġieli ma ċertu Anthony Grech. Dan kien iħalli l-flus jew għand l-attur, jew ma xi ħadt ġewwa *The Barber Shop,* San Ġiljan, jew għand tal-*grocer,* ċertu wieħed mejjet bl-isem Ġużi ġewwa Spinola *Road*. Kien jitlob l-irċevuta iżda qatt ma ngħata. Wara li kien ħallas kollox, l-attur xorta ppretenda aktar flus u beda jibgħat ittri legali. Jgħid li l-attur iħawwad fl-ammonti.

Illi l-konvenut McKay xehed ukoll in kontro-eżami[19]. Jgħid li hu ssellef elf ewro. Jikkonferma li kien hu li ddeċieda li jmur għand avukat. Jikkonferma li kien hemm kwistjoni dwar ċekk partikolari. Jgħid li l-flus kienu ġieli jitħallew għand terzi. Jgħid li n-notamenti tal-pagamenti kienu tiegħu, iżda l-attur qatt ma ffirma. Jgħid li l-pagamenti wara dik l-iskrittura kienu jkunu varji, u dejjem fi flus

[18] Dan jibda a fol 37 tal-prċoess.
[19] Xhieda tibda *a tergo* ta' fol 58.

kontanti. Ma kienx jipprepara rċevuta sabiex l-attur jiffirma li l-flus kienu ġew mogħtija. Jgħid li ma kienx ħallas iktar wara li rċieva l-ittra fejn intalbu €1800. Ftit wara fil-kontro-eżami, ma jiftakarx aktar jekk ma sarux aktar pagamenti. Muri d-dokument a fol 13, jgħid li n-notamenti tiegħu. Kien jafda fl-attur li kien qiegħed jikteb l-ammonti. Ma ħa l-ebda passi l-Qorti sabiex iħassar l-iskrittura li saret għand l-avukat. Jgħid li l-ammonti kienu jinkludu wkoll il-pagamenti magħmula mill-konvenut Chetcuti. Jagħlaq billi jgħid li qatt ma rrisponda għal-ittri legali.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ċertu Anthony Grech permezz t'affidavit[20]. Dan spjega li huwa kien ħabib tal-konvenut McKay. Jgħid li McKay kien jafdaħ b'xi flus sabiex dan jgħaddihom lill-attur. Ġieli mar hu għand l-attur u drabi oħra kien iħallihom għand tal-*grocer*. Dawn kienu jkunu flus kontanti. Ma jafx eżattament kemm il-darba mar, u l-ammonti kienu differenti. Ġieli €50 u ġieli €100.

Illi l-istess xhud ġie prodott in kontro-eżami[21]. Jikkonferma li l-affidavit ġie ġġuramentat fir-reġistru u li dan sar fil-presenza tal-konvenut McKay. Jgħid li dan il-konvenut kien jgħidlu sabiex jgħaddi l-pagamenti lill-attur. Ma jafx kemm il-darba kien mar, forsi ħames darbiet. Jgħid li l-ammont kien ikun bejn mija u mitejn Ewro kull darba. Qatt ma kien jingħata karta. Il-flus ġieli tħallew għand wieħed tal-*grocer*. Qatt ma talab irċevuta. Jikkonferma li anki hu kien prova jissellef minn għand l-attur, iżda dan kien wara li kien jgħaddi l-pagamenti tal-konvenuti. Jgħid li l-attur ma kienx selfu flus.

[20] Dan jibda a fol 49 tal-proċess.
[21] Xhieda relattiva tibda a fol 82 tal-proċess.

Illi magħmul dan ir-riassunt, t-Tribunal iqis li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija dik emerġenti mill-artikolu 1842 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[22]. F'dan il-każ is-self kien magħmul mill-flus u għalhekk jgħodd dak li jrid l-artikolu 1844(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[23]. Bħala daħla wkoll, irid jingħad li dan il-kuntratt ma jirrikjedix skrittura sabiex ikun jiswa[24], din tista tkun bil-fomm[25]. Hija biss l-wiegħda ta' self li timponi il-ħtieġa ta' skrittura[26].

Illi f'dan il-każ, l-eżistenza tas-self m'huwiex disputat għaliex, fl-ewwel lok jirriżulta minn skrittura redatta, u fit-tieni lok ġie hekk ammess mill-konvenuti stess fix-xhieda tagħhom. Il-konvenuti qegħdin peró jgħidu, fl-ewwel eċċezzjonijiet tagħhom li dak il-kuntratt huwa null għaliex milqut b'*causa illeċita*, marbut skond huma mal-fatt li jinkludi element ta' użura u ċioé ammont ta' imgħax oltre dak permess mill-liġi.

Illi mill-ewwel għandu jingħad li t-tieni eċċezzjoni, li hija marbuta mal-ewwel eċċezzjoni, ma ġġibx l-effet li jridu l-konvenuti. Jekk jintwera li f'relazzjoni ta' self jeżisti element t'imgħax aktar qawwi minn dak permess mill-liġi, allura rriżultat m'huwiex in-nullitá ta' dak il-ftehim iżda li l-imgħax jitniżżel għar-rata

---

[22] Dan l-artikolu jgħid hekk: *"l-mutwu jew self għall-konsum huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità."*
[23] Dan l-artikolu jgħid hekk: *"L-obbligazzjoni li toħroġ minn self ta' flus hija, fil-każijiet kollha, tal-istess somma, fin-numru, li tkun imsemmija fil-kuntratt".* L-awtur Francesco Ricci mbagħad, fl-opra tiegħu **Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile** jamplifika hekk: *"il debitore adempie la sua obbligazione, restituendo tante monete, sieno esse della stessa specie di quelle ricevute, o di specie diverse, quante ne occorrono a rappresentare la somma numerica o valore legale delle monete ricevute in prestito."* – Vol X, Titolu XII, Capo 1, a fol 346, III ediz, 1923, UTET.
[24] *Vide* f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Simon Parnis vs Benedetta Meilak et,** (Ċit Nru: 1306/2007) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Frar 2009 (mhux appellata).
[25] *Vide* f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Karmenu Mifsud vs Mariano D'Amato,** (App Ċiv Nru: 1797/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Novembru 2006.
[26] Artikolu 1233(1)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

permessa[27]. Għalhekk dak li jistiednu l-konvenuti sabiex jagħmel dan it-Tribunal, per *via d'eccezione*, anki jekk jirriżulta imgħax, ma jistax iseħħ. Ma jirriżultax li l-iskop għal dan is-self kien illeċitu.

Illi dwar l-użura, irid jingħad *in primis* lir-regola ġenerali tal-prova tirrikjedi li ma tistax tinġieb prova orali kontra dak miktub, dan in omaġġ tal-massima *contra scriptum testimonium, non scriptum testimonium non fertur*. Madanakollu, jeżistu eċċezzjonijiet għal din ir-regola, u jekk titqanqal din il-linja difensjonali, provi orali huma permessi[28]. Naturalment huwa obbligu tal-parti li tallega tali

---

[27] F'dan is-sens, huwa utli li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores Montebello et vs Saviour Chetcuti pro et noe,** (App Ċiv Nru: 638/07) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Jannar 2017 fejn intqal hekk: *"L-użura pero`, ma twassalx għan-nullita` tal-iskritturi. L-artikolu 986 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li "kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' imgħaxijiet f'izjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu zejjed". Kwindi, l-użura ma tirrendix l-obbligazzjoni nulla, iżda jkun null l-obbligazzjoni ta' ħlas ta' imgħax b'rata għola mit-8%. Dan joħroġ ċar ukoll mill-Artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili, li wara li jgħid li l-imgħax fuq self ma jistax jaqbeż it-8%, jiddisponi li "l-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal limiti" ta' 8%. Obbligazzjoni li tipprospetta ħlas ta' imgħax b'użura ma hijiex obbligazzjoni msejjsa fuq kawża illeċita, għax l-obbligazzjoni ta' self, bħala causa, hija indipendenti mill-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax."*

[28] F'dan is-sens, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Charles Bartolo vs Joseph Muscat,** (App Ċiv Nru: 205/2007/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-11 ta' Diċembru 2009 fejn intqal hekk: "*Fuq it-tieni kwestjoni in tezi generali, u apparti ghall mument mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz prezenti, ghandu jigi notat illi meta tezisti skrittura jew kitba li turi x'kienet il-volonta negozjali tal-kontraenti dwar dak li ftehmu u l-modalita tieghu, dik il-kitba b'dak il-ftehim ghandha tigi mantenuta billi mhux permissibbli li jingiebu provi kontra l-miktub, hlief fil-kazijiet specjali ghal-liema tirreferi d-duttrina legali u l-gurisprudenza. Ara b'illustrazzjoni s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-5 ta' Mejju, 1955 in re: "Rev. Can. Emmanuele Muscat -vsLucy Portelli". Hekk, ad ezempju, wiehed minn dawn il-kazijiet specjali hu dak fejn il-parti debitrici f'kuntratt ta' self tqajjem kwestjoni ta' użura..."* Wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Cyril Worley et vs Emanuel Ellul et,** (952/2012) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Marzu 2020.

mankament li tipprova hi stess dak allegat minnha[29]. Dan ma huwa xejn għajr kliem ieħor għal dak li jinsab kodifikat fil-liġi[30].

Illi dan l-oneru huwa bl-istess mod inkombenti fuq il-konvenuti fir-rigward tal-eċċezzjoni tagħhom rigwardanti l-pagament. Din il-prova tista sseħħ b'mod konvinċenti u konklussiv b'kull mezz disponsibbli[31].

Illi issa, t-Tribunal huwa ben konxju li huwa m'huwiex marbut bl-aħjar prova[32]. Huwa minnu wkoll li t-Tribunal jista jitlob li ssir l-aqwa prova, iżda ċertament m'għandux ikun hu li jagħmel dak li għandha tagħmel parti f'kawża[33].

---

[29] Speċifikament dwar l-użura (u anki għal dak li jikkonċerna l-fattispecie u prinċipji legali oħra li huma simili għal dawn odjerni) issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Farrugia vs Fedela Carabott,** (Ċit Nru: 1044/1997/1) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Jannar 2004 fejn ġie ritenut hekk: *"Indubbjament l-iskrittura jibqalha piz determinanti sakemm ma tigix newtralizzata minn provi skjaccanti, univoci u konkluzivi. Dan l-oneru kien jinkombi fuq il-konvenuta in kwantu hi kellha turi ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-obbligazzjoni taht ezami kienet tabilhaqq kif minnha allegat".* Fuq l-istess tematika, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **George Bonnici et vs Silvio Naudi,** (Ċit Nru: 604/1992/1) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Mejju 2006 fejn intqal hekk: *"Fermi dawn ir-riflessjonijiet ta' dritt, il-perit relatur, korrettement fil-fehma tal-Qorti, filwaqt li ssenjala ċerta diskordanza fid-dikjarazzjoni ta' l-attur dwar iz-zmien meta sar is-self, minn naha l-ohra ma naqasx milli jikkonstata illi fuq ir-rakkont tal-vicendi da parti tal-konvenut dan ma wasalx biex jiddisimpenja ruhu mill-oneru inkombenti fuqu li jipprova u jsostni l-assunt tieghu ta' l-allegata uzura."*

[30] Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[31] Fuq din it-tematika, wieħed huwa mistieden jara r-rakkolta ġurisprudenzjali eżawstiva riprodotta fis-sentenza fl-ismijiet **Johann Schembri pro et noe vs Charlot Mifsud pro et noe et,** (App Ċiv Nru: 274/2003/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-19 ta' Ottubru 2005.

[32] Artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 390 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Herman Rantasa et vs Kevin Buttigieg et,** (App Ċiv Nru: 614/2006/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 fejn intqal hekk: "*Ferm dan il-hsieb, din il-Qorti, ciononostante dak affermat b' mod generali kwantu ghall-"ahjar prova" bhala principju regolatur in materja ta' provi taht l-ordinament proċedurali taghna fil-Kapitolu 12, ma tistax tinjora d-disposizzjonijiet tal-ligi specjali. Senjatament, l-Artikolu 9 (2) subpara. (b) ta' l-Att V ta' l-1995 li jiddisponi li l-Gudikatur "ghandu jitgharraf b' kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta."*

[33] F'dan is-sens, b'mod speċjali għal dak li jikkonċerna dan it-Tribunal, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Fallon Grech Blackman vs Lara Filletti**, (App Ċiv Nru: 474/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 fejn dwar dan intqal

Illi hija l-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal li l-konvenuti fallew milli jipprovaw dak allegat minnhom kemm għal dak li jikkonċerna l-użura u wkoll il-pagament. Dan qiegħed jingħad minħabba s-segwenti.

Illi t-Tribunal ma jistax fuq il-provi prodotti jasal sabiex ma jagħtix fidi lill-iskrittura, liberament u volontarjament magħmula mill-kontendenti. Anzi, terġa u tgħid, ħareġ ċar li dik l-iskrittura saret propju fuq insistenza tal-konvenut McKay stess. L-avukat li fassal dik l-iskrittura ma ġiex imtella bħala xhud sabiex possibbilment jagħti aktar għarfien dwar l-intenzjoni tal-partijiet. In ogni caso, dik l-intenzjoni hija ċara u temerġi b'mod inekwivoku mill-istess skrittura. Ma hemm xejn fl-atti li jwassal lit-Tribunal sal-grad rikjest sabiex jgħid li dak il-ftehim ġie magħmul sabiex jaħbi imgħaxijiet oltre dak permessi mill-liġi.

Illi imbagħad dwar il-pagament, jekk il-konvenuti jaħsbu li dan it-Tribunal jista qatt jagħder lilhom għal kif ttentaw jipproteġu ruħhom fir-rigward tal-ammonti mħallsa minnhom, allura huma żbaljati. Irriżulta li l-konvenuti kienu laxki ferm fil-modalitá tal-pagamenti, tant li lanqas biss huwa ċar kemm effetivament kien l-ammont li tħallas u minn għand min. Dan qiegħed jiġi senjalat, b'qawwa, minħabba s-segwenti.

Illi rriżulta li l-konvenut Chetcuti ma kienx iħallas direttament lill-attur, iżda kien jgħaddi l-flus lill-konvenut l-ieħor. Dwar dawn il-pagament ta' bejniethom ma hemm xejn għaliex semmai, l-unika lista ta' pagamenti ġiet magħmula biss mill-konvenut McKay. Diġa allura teżisti problema.

---

hekk: *"B'danakollu dan ma jfisserx, ukoll, illi kien hemm xi obbligu fuq it-Tribunal f'dan il-kaz li jikkonduci hu l-provi tal-partijiet."*

Illi aktar minn hekk, jirriżulta li f'xi ċirkostanzi l-konvenut McKay kien imbagħad jagħti dawn il-flus lil terz, Anthony Grech, sabiex hu stess jgħaddi l-ammonti lill-attur. Anki hawn, ma hemm prova ta' xejn dwar l-ammont u l-frekwenza ta' din il-modalitá ta' restituzzjoni.

Illi mbagħad, dan Anthony Grech, kif jemerġi ċar mix-xhieda tiegħu, lanqas jaf kemm kienu jkunu l-ammonti, tant li fl-affidavit isemmi ċifri, u fil-kontro-eżami isemmi ċifri oħra. Lanqas dwar il-frekwenza (u dwar kemm il-darba ġie hekk mitlub jagħmel) ma huwa kapaċi jgħid. Irid jingħad li dan Anthony Grech hu stess jammetti li kellu bżonn il-flus. X'serħan tal-moħħ għandu t-Tribunal li l-flus waslu kif jgħid hu? U f'liema ammonti?

Illi imbagħad, sabiex verament jitqanqal aktar dubju, jidher li xi pagamenti lanqas biss għaddew lill-attur direttament iżda tramite terzi totalment estranji. Filwaqt li rriżulta li wieħed minn dawn il-persuni miet u allura ma setax jiddeponi, ma jistax jingħad l-istess dwar il-barbier. It-Tribunal kien jispetta li l-konvenuti jġibu kull prova li setgħu sabiex jippruvaw il-ħlas, ġialadarba ma hemmx irċevuti.

Illi fid-dawl ta' din it-traskuraġni, ma jista jingħad bl-ebda mod lill-konvenuti seħħilhom juru li verament l-ammont misluf ġie mħallas. Kien jinkombi fuq il-konvenuti li jaċċertaw lir-ritorn tal-ammont misluf jiġi ben dokumentat jew tal-inqas ikunu ċari fuq kif din seħħet. Ma jistgħux jippretendu ħniena mit-Tribunal għan-negliġenza tagħhom stess. Dan kollu huwa aktar gravat bil-fatt li huma jgħidu li l-attur m'huwiex persuna affidabbli. Lil'hinn mis-sustanza jew veraċità ta' dan il-kumment, kien jinkombi aktar fuqhom li jkunu diliġenti u jaraw li l-pagamenti magħmula kienu qegħdin jiġu dokumentati sew.

Illi dan id-dubju (tal-pagament), li huwa ta' ċertu portata f'moħħ il-ġudikant, għandu jiġi riżolt favur l-attur[34].

Illi min-naħa l-oħra, għalkemm l-attur ma kienx dejjem konkordanti f'xi aspetti marġinali mix-xhieda tiegħu, għal dak li jikkonċerna l-mertu essenzjali ta' dawn il-proċeduri, huwa kien ċar u linjari.

Illi b'hekk it-talba tal-attur, rigwardanti l-ammont bilanċjali sejra tintlaqá.

Illi jifdal biss allura l-kwistjoni tal-imgħax. Issa, huwa minnu li fl-iskrittura hemm speċifikament imniżżel li ebda imgħax ma huwa dovut fuq l-imsemmi ammont. Għalhekk jidher li huwa applikabbli f'dan il-każ dak li jgħid u jrid l-artikolu 1849 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[35]. Issa mill-assjem tal-provi irriżulta li l-konvenuti kienu tardivi ferm fl-obbligazzjoni assunti minnhom. Ukoll, jirriżulta lill-kontendenti kienu ftehmu fuq modalitá ta' pagamenti b'mod li wieħed jista ġustament jirritjeni li fil-verità terminu sabiex isir il-ħlas globali kien hemm. Jirriżulta mill-istess skrittura li dan ma kienx self li jħalli f'idejn id-debituri jaraw huma meta jkunu f'qagħda li jħallsu lura. Kieku dan kien minnu, kien jinkiteb hekk. Għalhekk tneħħiet il-volontá u l-libertá mill-konvenuti li jħallsu huma meta jridu, propju għaliex ġie mfassal pjan ta' restituzzjoni. Madanakollu, peress li

---

[34] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Lombard Bank Malta plc vs H. Vassallo & Sons Ltd. et</u>**, (App Ċiv Nru: 172/2004) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar id-29 ta' Frar 2008, fejn ċaħdet l-appell wara li l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet irriteniet hekk: *"Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi 'la prova del pagamento e a peso del convenuto che lo allega', kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 1985 fil-kawza Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak iddubju ghandu jigi rizolt favur l-attur (Vol XXXV.iii.604)."*

[35] Dan jgħid hekk: "Ma hemmx imgħax għall-mutwu jekk ma jkunx miftiehem, bla ħsara ta' dak li jingħad fl-artikoli 1139 u 1140, kemm-il darbamin jissellef ma jroddx il-ħwejjeġ lilu mislufa fiż-żmien miftiehem, jew fiż-żmien illi, meta ma jkunx hemm ftehim, jiġi mogħti mill-qorti"

jirriżulta, ammess stess mill-attur, li saru diversi pagamenti, it-Tribunal m'huwiex dispost li jaċċetta lid-dekkorriment fuq l-ammont globali beda fid-data indikata minnu fl-Avviż tat-Talba. Huwa aktar ġust u ekwu li l-imgħax jiddekorri skond dak li jrid l-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[36]. It-Tribunal ukoll iqis li m'huwiex applikabbli dak li jrid l-artikolu 1854 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi finalment, dan it-Tribunal jgħid li assolutament ma jista qatt jistrieħ fuq dikjarazzjonijiet li jsiru f'noti ta' sottomissjonijiet, li m'għandhomx is-sostenn tal-prova[37]. F'dan ir-rigward il-konvenuti fin-nota tagħhom jgħidu li l-attur huwa persuna li kellu esperjenza fuq is-self bl-użura[38]. Ma hemm xejn fl-atti li juri dan. Tassew, għal dan it-Tribunal din it-tip t'argumentazzjoni hija ċensurabbli.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, jilqá t-talba tal-attur u għalhekk jikkundanna

---

[36] Jgħodd hawnhekk dak li nqtal fis-sentenza fil-ismijiet **Iris Dalmas vs Ronnie German et,** (App Ċiv Nru: 524/2002/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Marzu 2005 u ċioé: *"Huwa fatt illi waqt li hu kontestat illi l-imghax ma kienx dovut fuq is-self mill-mument meta dan isir sakemm dan ikun il-ligi jew il-ftehim esigibbli, ma jfisserx illi ebda mghax ma kien ser ikun qatt dovut fuq dak l-istess self. Ghall-iskop tad-dekorriment ta' l-imghax hu mehtieg interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqieghed in mora. Jigifieri, "una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" (Kollez. Vol. XVI P I p 84);"*Dan il-bran ġie utilizzat u mħaddan f'sentenza riċenti fl-ismijiet **Carmelo Chetcuti vs Jeffrey Attard,** (Rik Ġur Nru: 543/21) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Ottubru 2021.

[37] Illi fatt simili, ċioé asserzjonijiet f'noti ta' sottomissjonijiet, seħħ fil-proċeduri fl-ismijiet **Dylan Azzopardi vs Peter Zammit et,** (Rik Ġur Nru: 260/2014), fejn fis-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Ottubru 2015 (pendenti appell), intqal hekk: *"A bazi tal-provi li tressqu l-qorti m'hijiex f'posizzjoni li taghmel xi konkluzjoni minkejja li l-konvenut semma li: i. il-konvenut ghad ghandu 22 sena; ii. hu notorju li l-attur jislef il-flus u mlaqqam il-Bona. Dikjarazzjonijiet bhal dawn ma jistghux iservu biex il-qorti tikkonkludi li l-konvenut qal il-verita filwaqt li l-attur gideb. Il-qorti trid tiddeciedi a bazi tal-provi u mhux dikjarazzjonijiet."*

[38] F'paragrafu 7 tan-nota ġie miktub hekk: "Illi ta' persuna li kellu esperjenza fuq is-self bl-użura, Alexander Cuschieri.....".

lill-konvenuti *in solidum* iħallsu l-ammont ta’ elf Ewro (€1,000) lill-attur, bl-imgħax legali mill-14 ta’ Ġunju 2018[39] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri, jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuti *in solidum*.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[39] Data tal-preżentata tal-Avviż odjern.